MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 549/2005

**BUXOM POULTRY LIMITED**

vs

**Joseph Mary CARDONA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta' Ġunju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti tiddeċiedi li l-istess kumpannija attriċi kienet sid ta' konsenja flieles li għaddiet lill-imħarrek biex irabbihom u jsemminhom għall-qatla, u li dan naqas li jroddilha lura; talbet lill-imħarrek iħallasha prezzhom; u talbet ukoll li l-Qorti ssib lill-imħarrek responsabbli għad-danni li ġarrbet minħabba li hu ma raddilhiex lura l-imsemmija flieles imsemmna u, minflok, biegħhom lil ħaddieħor; talbet il-likwidazzjoni tad-danni minnha mġarrba u l-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tal-imsemmija danni, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti tal-kawża u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-10 ta' Awissu, 2005, li biha l-imħarrek laqa' għat-talbiet attriċi billi qal li ma kienx minnu li kellu xi obbligu li jrodd lura l-flieles imsemmna lill-kumpannija attriċi, u dan għaliex il-flieles ingħatawlu bi ħlas għal dejn li l-kumpannija attriċi kellha miegħu sa minn żmien qabel. Iżid jgħid ukoll li għalkemm xi żmien qabel kien jingħata mill-kumpannija attriċi flieles għas-simna taħt arranġament li kien jeżisti, dan twaqqaf milli jibqa' jagħmlu u għalhekk, il-kumpannija attriċi ma tistax tibqa' tistrieħ fuq ftehim li kien sar fl-2004 u li ma kienx għadu fis-seħħ. Fuq kollox, jixli lill-istess kumpannija attriċi bi ksur ta' dak il-ftehim;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2005[1], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-24 ta' Novembru, 2005, ordnat li l-kawża titqiegħed minnufih għas-smigħ qabel is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tagħha Dottor Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju bil-mezz tal-affidavit u *viva voce* u kif ukoll il-provi dokumentali li dehrilhom xierqa li jressqu;

Rat il-verbali kollha tas-seduti miżmuma mill-imsemmi Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2006[2], li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għas-7 ta' Novembru, 2006;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 2006, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

---

[1] Paġ. 36 tal-proċess
[2] Paġ. 216 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-14 ta' Diċembru, 2006[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-31 ta' Jannar, 2007[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tar-Rikors numru 632/05 dekretat fit-2 ta' Novembru, 2005;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 2006, li bih kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' merkanzija konsenjata u għad-danni. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrek naqas li jroddilha lura għaxart elef u mitejn (10,200) fellus imsemmen li hija kienet għaddietlu għal dan il-għan biex isemminhom fir-razzett tiegħu. Tgħid li, minflok, biegħhom lil ħaddieħor. Għalhekk, qegħda titlob li jħallasha d-dannu li ġarrbet minħabba dan in-nuqqas tiegħu;

Illi l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni għaliex jgħid li huwa ma kienx marbut li jrodd lura l-flieles għaliex dawk ingħatawlu bi ħlas ta' parti mid-dejn li l-istess kumpannija attriċi kellha miegħu. Fuq kollox, huwa jgħid li ma kienx għadu fis-seħħ il-ftehim dwar trobbija tal-flieles li kien hemm bejnu u l-kumpannija attriċi xi żmien qabel, u dan għaliex kienet l-istess kumpannija attriċi li temmitu xi jiem qabel ma kienet ikkonsenjatlu l-flieles li dwarhom ressqet din il-kawża;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kumpannija attriċi tikkummerċa fil-bejgħ ta' tjur għas-suq Malti. L-imħarrek imexxi ħanut tal-bejgħ tal-laħam f'Ħaż-Żebbuġ bl-isem ta' "Tad-Dawl Butcher" u, minbarra dan, għandu razzett għat-trobbija tat-tjur bl-isem ta' "St. Joseph

[3] Paġġ. 229 sa 237 tal-proċess
[4] Paġġ. 241-2 tal-proċess

Farm" f'Tal-Ħrieri, fil-limiti tas-Siġġiewi. Sa mill-2002[5], l-imħarrek kien wieħed mill-"bdiewa" li l-kumpannija attriċi kienet tforni biex irabbulha l-flieles sas-simna. F'Lulju tal-2004[6], l-imħarrek u l-kumpannija attriċi daħlu fi ftehim dwar riskedar ta' ħlasijiet dovuti lilu u arranġamenti ġodda ta' ħlas bil-ħsieb li tiżdied il-qatla ta' tjur. Għal xi żmien, l-imħarrek kien ukoll President ta' organiżżazzjoni jew ko-operattiva li kellha titwaqqaf formalment minn min irabbi t-tjur – bl-isem ta' "Future Broilers Producer Organisation" – li l-għan tagħha kien it-trobbija ta' tjur għall-ħtiġijiet tal-kumpannija attriċi u dan b'ħarsien ta' normi ġodda li daħlu fis-seħħ wara li Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropeja. L-imħarrek tneħħa minn din il-kariga fit-18 ta' Marzu tal-2005, u kien mgħarraf b'dan b'ittra li ntbagħtet lilu mill-kumitat tal-istess organiżżazzjoni dak inhar stess[7]. Min-naħa tagħha, l-organiżżazzjoni baqgħet ma ġiet kostitwita qatt b'mod formali;

Illi fit-30 ta' Marzu, 2005[8], il-kumpannija Flock Hatchers Co. Ltd., kumpannija oħra mill-grupp ta' kumpanniji li minnhom tagħmel il-kumpannija attriċi wkoll[9] u bħala aġenta ta' din, għaddiet lill-imħarrek għaxart elef u mitejn (10,200) fellus ta' jum għat-trobbija, bil-prezz maqbul ta' tmintax-il ċenteżmu (18ċ) għal kull fellus. L-imħarrek kien kiseb il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet veterinarji f'Jannar ta' qabel[10]. Il-proċess tat-trobbija u tas-simna kien mistenni jieħu bejn ħames u sitt ġimgħat[11], u jidher li l-kumpannija attriċi kienet tikkredita lill-imħarrek tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm 0.43) għal kull kilogramm ta' laħam li jwassal għall-qatla għand l-istess kumpannija. L-għalf għat-trobbija tat-tjur kienet tipprovdih il-kumpannija attriċi, imma l-ispejjeż l-oħra jkunu għal min irabbi;

Illi fil-11 ta' Mejju, 2005[12], il-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek biex titolbu jroddilha lura l-flieles imsemmna li kien laqa' għandu fi tmiem Marzu ta' qabel.

---

[5] Dok "K", f'paġ. 73 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġġ. 8-9 tal-proċess
[7] Dok "O", f'paġ. 33 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[9] Affidavit ta' Dr. Joseph Arrigo 27.2.2006, f'paġ. 48 tal-proċess
[10] Dok "1", f'paġ. 56 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Mary Grace Cutajar 24.2.2007, f'paġ. 55 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess

Fis-27 ta' Mejju, 2005, il-kumpannija attriċi ħarġet mandat ta' sekwestru kontra l-imħarrek għas-somma ta' għaxart elef lira Maltija (Lm 10,000). Fl-1 ta' Ġunju, 2005[13], l-imħarrek qabbad avukat biex jiktbilha lura u jgħidilha li m'għandu jħallasha xejn u li kien imissha tneħħi l-Mandat minnufih. Fit-8 ta' Ġunju, 2005, infetħet din il-kawża;

Illi jidher xieraq li l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ jintrabtu mal-ħtieġa li wieħed jifhem sewwa x'għamla ta' negozju kienet il-konsenja tal-flieles lill-imħarrek. Il-kumpannija attriċi tgħid li dan kien għamla ta' kuntratt ta' depożitu li, bis-saħħa tiegħu, l-imħarrek kien intrabat li jrodd lura l-flieles imsemmna wara li dawn jilħqu ċertu piż[14]. Talli jagħmel hekk, il-kumpannija attriċi kienet imbagħad tħallsu somma għal kull tajra li jgħaddilha lura. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-konsenja kienet waħda ta' saldu ta' parti minn kreditu li huwa kellu kontra l-imsemmija kumpannija, u għalhekk huwa sar is-sid ta' dawk il-flieles u kellu kull jedd jiddisponi minnhom kif jidhirlu hu;

Illi biex tingħata tifsira ta' l-imsemmi negozju, wieħed irid ukoll jistħarreġ x'kienet ir-rabta kummerċjali li, f'Marzu tal-2005, kien hemm bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek. Dan jingħad għaliex ma huwiex kontestat li, għal xi żmien, l-imħarrek kien wieħed minn dawk ir-raħħala li l-kumpannija attriċi kienet tqabbad biex irabbu jew isemmnu flieles sakemm iwassluhom f'piż li jkunu jistgħu jinqatlu. Il-partijiet ma jaqblux bejniethom jekk tali relazzjoni kinitx għadha fis-seħħ meta l-imħarrek ingħata l-kunsinna mertu tal-każ;

Illi l-kumpannija attriċi min-naħa tagħha tgħid li, wara li kienu nqalgħu xi inċidenti bejn impjegati tagħha u l-imħarrek, hija ma għadditlux aktar flieles biex irabbihom u jsemminhom wara Jannar tal-2005. Jirriżulta wkoll li, meta ġara hekk, kien l-imħarrek innifsu li (kemm permezz ta' qarib tiegħu u kif ukoll permezz ta' "bdiewa" oħrajn li bħalu kienu jrabbu t-tjur li huwa kien bagħat jitkellmu f'ismu ma' direttur tal-kumpannija attriċi) talab li l-istess

[13] Dok "JMC1", f'paġġ. 17-8 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Edward Borġ 22.2.2006, f'paġ. 80 tal-proċess

kumpannija terġa' taħsibha u terġa' tibda tgħaddilu l-flieles għas-simna bħal qabel[15]. Il-kumpannija għamlitlu kundizzjonijiet li, hija tgħid, l-imħarrek qagħad għalihom. B'riħet hekk, saritlu l-kunsinna tal-10,200 fellus mertu tal-każ lejn l-aħħar ta' Marzu, 2005;

Illi l-imħarrek jgħid li, dwar il-kunsinna li ngħatatlu fit-30 ta' Marzu, 2005, kien hemm "arranġament jew ftehim partikolari". Huwa jisħaq li dan l-arranġament intlaħaq ma' Mary Rose Baldacchino, li dak iż-żmien kienet waħda mid-diretturi tal-kumpannija attriċi[16]. Jgħid ukoll li l-ftehim kien laħqu ma' Edward Borġ, direttur ieħor tal-istess kumpannija[17]. Bis-saħħa ta' dan l-arranġament kien miftiehem li l-ħlasijiet b'lura li l-kumpannija kellha tagħtih jinqatgħu kemm bi ħlasijiet akkont ta' elf lira Maltin (Lm 1,000) kull ġimgħa u kif ukoll "*in natura*" billi l-imħarrek jieħu laħam mingħand il-kumpannija attriċi sabiex ikun jista' jbiegħu mil-ħanut tiegħu tal-laħam. Jgħid li tali ftehim speċjali ntlaħaq minkejja li kien iffirma l-kitba li saret fil-bidu ta' Lulju, 2004;

Illi jirriżulta li, għall-ħabta tal-2004, il-kumpannija attriċi bdiet għaddejja minn żmien ekonomiku iebes li wassalha biex ma setgħetx tlaħħaq mal-ħlasijiet dovuti lill-"bdiewa" kuntrattati magħha, fosthom l-imħarrek. Edward Borġ jgħid li dan seħħ b'effett tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, li wasslet għal bdil fil-kundizzjonijiet tas-suq għal dawk li jrabbu u joqtlu t-tjur, fosthom il-liberalizzazzjoni tal-istess suq b'laħam tat-tjur minn pajjiżi msieħba oħrajn jibda dieħel bi prezz aktar baxx. Jirriżulta wkoll li l-kumpannija attriċi daħlet fi ftehim ta' "ristrutturar" tal-iskedi ta' ħlasijiet li hija kellha tħallas lill-"bdiewa" kuntrattati magħha. L-imħarrek kien wieħed minn dawn. Kien hemm il-ħsieb ukoll li t-tħaddim tal-industrija tat-trobbija tat-tjur għal-laħam jitbiddel biex ikun jaqbel ma' regoli ġodda tal-Unjoni Ewropeja, bil-ħsieb li dawk li jrabbu jkunu jistgħu jieħdu minn fondi ta' għajnuna disponibbli. Fost dawn il-miżuri kien hemm il-ħtieġa li tiżdied il-produzzjoni;

---

[15] Affidavit ta' Mary Rose Baldacchino 24.2.2006, f'paġġ. 58-9 tal-proċess
[16] Affidavit tiegħi 6.3.2006, f'paġ. 126 tal-proċess
[17] *Ibid.* f'paġ. 125 tal-proċess

Illi l-ftehim li daħal għalih l-imħarrek mal-kumpannija attriċi fil-5 ta' Lulju, 2004 (li bħalu jidher li saru oħrajn mar-raħħala l-oħrajn kuntrattati magħha), kellu l-għan li jirregola l-ħlasijiet lil min irabbi t-tjur kemm dwar krediti dovuti qabel l-ewwel ta' Ġunju tal-2004 u kif ukoll dwar krediti mnisslin minn qtil ta' tjur wara dik id-data. Fuq kollox, il-ftehim kien dikjarat li kien maħsub biex isir magħruf jekk il-kumpannija attriċi tistax tlaħħaq – bis-sehem ukoll tar-raħħala kuntrattati magħha – ma' kwota ta' qatla ta' minn tal-anqas ħamest elef (5,000) tiġieġa kuljum u li jekk dak l-ammont ma jintlaħaqx "il-ftehim jiġi null u invalidu" u l-arranġament milħuq bis-saħħa tal-kitba jkun rivedut "skond iċ-ċirkostanzi", b'dan li l-"bidwi" u l-kumpannija jagħmlu "kuntratt għal kull trobbija skond il-ħtiġijiet u s-suq". Jidher li l-"ftehim" li jissemma fil-kitba huwa riferenza għat-twaqqif tal-"Producers Organisation". Tali ftehim kellu jintlaħaq fi żmien ġimgħa minn meta kienet iffirmata l-kitba. L-imħarrek iffirmaha din il-kitba u ntrabat biha, imma irriżulta li l-ko-operativa baqgħet ma twettqet qatt u, saħansitra, l-imħarrek tneħħa mill-"kariga" ta' President tagħha f'Marzu tal-2005, jiġifieri jiem qabel ma ngħata l-kunsinna ta' flieles mertu ta' din il-kawża;

Illi, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, u minkejja t-tifsira mhix ċara tal-għanijiet tal-kitba, la l-kumpannija attriċi u lanqas l-imħarrek ma jistgħu jistrieħu fuq dik il-kitba bħala l-bażi tar-rabtiet kummerċjali tagħhom dwar il-kunsenji ta' tjur għat-trobbija. Il-konklużjoni hi li, ladarba dak il-ftehim waqa', kellhom japplikaw il-pratiki u użanzi li kienu jħarsu n-negozju ta' bejniethom sa minn żmien qabel, sakemm ma jirriżultax xi ftehim ieħor li jibdel dawk l-arranġamenti ta' qabel;

Illi l-Qorti fliet sewwa u b'reqqa l-provi li tressqu mill-partijiet u ssib li toħroġ stampa fattwali lil hinn mix-xenarju li, fil-mori tal-kawża, l-partijiet ifissru. Fl-ewwel lok, jirriżulta li, fl-2004, il-kumpannija attriċi ma kinitx f'qagħda finanzjarja mill-aqwa u jidher li kellha qagħda ta' nuqqas ta' likwidita'[18]. Kien għalhekk li hija daħlet f'sensiela ta'

[18] Xhieda ta' Mary Rose Baldacchino 1.6.2006, f'paġ. 144 tal-proċess

rinegozjar tad-djun tagħha mal-"bdiewa" li kienu jrabbulha t-tjur u nediet ukoll fi programm li kien maħsub li hija ddawwar il-qagħda tagħha fid-dawl tal-qagħda li s-suq Malti sab ruħu fiha wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Fit-tieni lok, kien ħareġ ċar li l-kumpannija attriċi ma riditx tkompli tinqeda iżjed bis-servizzi tal-imħarrek u kienet saħansitra ttieħdet id-deċiżjoni li jitwaqqfulu l-konsenji ta' tjur għat-trobbija. Jirriżulta li dawn twaqqfu. Fit-tielet lok, meta ttieħdet id-deċiżjoni li ma jingħatawx aktar konsenji lill-imħarrek, dan kien kreditur tal-kumpannija attriċi[19]. Fir-raba' lok, intwera li matul iż-żmien li l-imħarrek kien jikkuntratta mal-kumpannija attriċi, u b'mod partikolari matul iż-żmien li kien qiegħed irabbi l-konsenja ta' tjur mertu tal-każ, l-istess kumpannija attriċi għaddietlu konsenji ta' laħam għall-bejgħ fil-ħanut tal-laħam tiegħu u dawn bi tpaċija mal-kreditu li kellu kontra tagħha[20]. Il-kumpannija attriċi nnifisha tistqarr, fi prova dokumentali mressqa minnha[21] u wkoll f'xhieda mogħtija in kontro-eżami[22], li tali tpaċija kienet issir bejnha u l-imħarrek. Fil-ħames lok, xi jiem **qabel** ma ngħatat il-konsenja mertu tal-każ lill-imħarrek, dan kien tneħħa mill-kumitat maħsub li jmexxi l-organiżżazzjoni ta' dawk li jrabbu t-tjur għall-qatla għall-kumpannija attriċi nnifisha;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex issib li r-relazzjoni kummerċjali li kienet għal żmien teżisti bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek kienet intemmet u l-konsenja tal-flieles mertu tal-kawża kien parti minn arranġament aħħari li bih il-kreditu dovut lill-imħarrek mill-istess kumpannija jkun saldat. Dan ifisser għalhekk li dik il-konsenja ma kienx maħsub li tintradd lura lill-kumpannija attriċi, imma l-imħarrek kien ħieles li jikkapitalizżaha bl-aħjar mod u b'riskju għalih bil-għan li jiġbor flusu;

Illi wkoll kieku l-konsenja kienet, kif trid il-kumpannija attriċi, waħda ta' depożitu volontarju[23], fiċ-ċirkostanzi li

---

[19] Xhieda ta' Edward Borġ 1.6.2006, f'paġġ. 131-2 tal-proċess
[20] Dokti "G" sa "N" f'paġġ. 25 sa 32 tal-proċess
[21] Ara Dok "A", f'paġ. 63 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Mary Rose Baldacchino 4.8.2006, f'paġġ. 167 u 171 tal-proċess
[23] Art. 1896 tal-Kap 16

seħħew il-liġi nnifisha[24] kienet tagħti lid-depożitarju l-jedd li ma jroddx lura l-ħaġa depożitata jekk kemm-il darba qabel ma jkunx tħallas mid-depożitant l-ispejjeż kollha li nefaq minħabba dak id-depożitu. Huwa minnu li l-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrek kien intrabat li jitħallas bi żmien ta' kreditu ta' disgħin (90) jum, imma diġa' ngħad li jekk iż-żmien li qegħda ssemmi huwa dak imniżżel fil-kitba tal-5 ta' Lulju, 2004, tali ftehim kien ilu li waqa' għaliex ma seħħewx il-kundizzjonijiet li kienu nqablu fih;

Illi dan iġib l-effett li l-ewwel talba attriċi ma tidhirx mistħoqqa, u li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek tirriżulta ta' min joqgħod fuqha;

Illi, minħabba li l-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-imħarrek ma kellu l-ebda obbligazzjoni li jrodd lura l-konsenja ta' flieles li ngħata fit-30 ta' Marzu, 2005, jitnissel waħdu li lanqas jista' jingħad li huwa ġie responsabbli għal xi danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet minħabba n-nuqqas ta' radd lura tat-tajr. Jekk il-kumpannija attriċi kienet tippretendi li l-imħarrek iroddilha lura t-tajr tal-imsemmija konsenja, riedet fl-istess waqt taċċerta li din il-kundizzjoni kienet waħda ċara u li kull pendenza li kien hemm – sa minn qabel ma ngħatat tali konsenja – kienet tkun debitament saldata mal-kreditur tagħha. Ma jidhirx li dan kollu sar, u, kif jirriżulta mill-provi mressqa waqt is-smigħ, l-istess kumpannija attriċi jidher li għamlet sewwasew dak li għamel l-imħarrek, jiġifieri li paċiet minn rajha l-ammont li kien għad fadlilha tħallas lill-imħarrek man-nefqa tal-imsemmija konsenja;

Illi b'dan il-mod, minbarra li xxejnet kull rabta jew ness bejn l-għamil (mhux inġustifikat) tal-imħarrek u l-allegati danni mġarrba mill-kumpannija attriċi, ġie li kienet l-istess kumpannija attriċi li "irrimedjat" għall-qagħda li kienet tinsab fiha f'Mejju tal-2005. Ta' dan kollu ma jistax iwieġeb l-imħarrek li, sadattant, kien sab ma' wiċċu atti kawtelatorji maħruġa mill-istess kumpannija attriċi bi pretensjoni li taqbeż l-ammont hekk paċut;

[24] Ara l-art. 1919 tal-Kap 16

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek u tiddikjara li hu ma kienx marbut li jrodd lura lill-kumpannija attriċi l-konsenja ta' tjur li kien ingħata fit-30 ta' Marzu, 2005;

**Tiċħad għalhekk l-ewwel talba attriċi** bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad ukoll it-talbiet attriċi l-oħrajn**, minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

U tikkundanna lill-kumpannija attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------